għaffigha miegħu. Kienet tobsor li b'saħħtu, iżda mhux daqskemm inħass
dalgħodu. Bi tbatija tefgħetu lura u bla nifs irnexxielha tgħidlu:
"Mhux hawn"
Bla kliem xejn, mexa warajha u daħħlitu fil-kamra tas-sodda. Kien se
jħares madwaru jara xi kwadri li kienet xtrat. Imma ma kellux moħħ.
Lanqas hi ma dehret li kellha moħħ il-kwadri.
Jekk kien goff xħin daħal fl-intrata, issa kien kalm, jitħarrek b'ražan kbir.
Biesha fuq ħaddejha, wara widnejha, tlajja fuq kull parti minnha, bla għaġla
ta' xejn. Ħasset li kien qed jogħxa u jitgħaxxaq kull fejn iniżżel wiċċu u
jgħaddih magħha. Kienu waqtiet twal, ta' seħer, qisu ż-żmien kien waqaf u
nsiet kollox u lil kulħadd, ħlief lil wiċċu jitħakkek ma' tul ġisimha kollu.
Xhin, wara, qam bil-qiegħda fuq tarf il-friex, hi, mimduda, qaltlu:
"X'tak, hekk f'daqqa waħda?"
"Ma stajtx negħleb lili nnifsi."
"Għarqana kif kont, ma ddejjaqtx?"
Hu dar nofsu lejha, ħaseb ftit, u donnu ġie fiha.
"Għarqana? B'daqshekk?"
U bla ma riedet ġewha f'moħħha n-nisa ta' Ħal Bardu, jaħslu u jonxru,
jaħdmu u jagħntu, u ppruvat tistħajjel x'riħa kien ikollhom fuqhom, taħt
abthom, madwar għonqhom, f'kull rokna ta' ġisimhom. Kienet ċerta li
Peter kien għadu jgħożżha sew in-naska ta' tfulitu.

## Is-Sewwa

CARMEL CALLEJA

Ta' min is-sewwa?
Tal-qamħ dehbien
li jmewweġ fir-riħ,
jew tal-minġel leqqien
li jaħsadhom ilħiħ?
Tat-tigra li tlebleb
għatxana għad-demm,
jew taċ-ċerv jitriegħed
ixammem il-hemm?

## Ewnuki

CARMEL CALLEJA

Aħna bħas-slaten
li ġew mill-Orjent
infittxu kewkba
li ħarġet mit-triq,
u omm verġni,
...u sultan mirżuħ
fi stalla bla lqugħ.



## Osanna

*(Fl-okkażjoni tal-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II fostna)*

ĠORĠ ZAMMIT

Imsaħħab is-sema, imqalleb il-baħar
Theddida f'kull mewġa, Mulej, Int sawwart
Biex naqra ta' ġifen inħakem u tfarrak
U n-nies tiegħu kollha kenn sabu f'din l-art.

U fost il-baħħara li hawn kellhom merħba
Kien hemm dak li ressaq lejn ħdan il-Mulej
Lil artna u lil ġensna li ħatru b'missieru
U b'hekk għożżewh dejjem, għal-lum u għal li ġej.

Tempesta oħra ħarxa xxebilket mis-sema
Li mlietu bil-ħlejjaq tal-bniedem qerried
U l-bnazzi tas-sliem kien mill-bogħod beda jżernaq
U fik Missier ieħor kulħadd jara ried.

U issa jmiss lilna, Missier ejja fostna
Kif darba l-appostlu ġibilna t-twemmin
Ejj'int biex iġġeddu, ejj'int biex isaħħu
Ejj'int biex twettaqna għall-milja tas-snin!

Għalhekk dawn il-Gżejjer qed jidwu bil-għana
Ta' ferħ u ta' merħba lil min f'idu jżomm
L-imfietaħ tas-Saltna, li min 'l Alla jikseb
Iqimu bl-għemil u bil-qalb u bil-fomm.

Osanna ngħajtulek, Missier, u l-Osanna
Ġo qalbna nnaqqxuha għaż-żmien kollu li ġej
Għax fik Kristu ieħor naraw, int Ragħaj tajjeb
li t-triq turi lilna lejn ħdan il-Mulej.

*20–21 ta' Frar, 1990*